Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 190/2008

**Natalino Fenech**

**Vs**

**Saviour Balzan**

6 ta' Ottubru, 2017.

1. Permezz ta' rikors prezentat fit-30 ta' April, 2008 l-attur talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tiddikjara li l-artikolu *"Gonzi's new way of doing politics at MEPA"* ppubblikat fil-gazzetta Malta Today tal-20 ta' April 2008, hu libelluz u malafamanti fil-konfront tieghu u ntiz sabiex itellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tal-attur. B'hekk talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas dik is-somma li tigi likwidata mill-istess Qorti;

2. Il-konvenut wiegeb:

*"1. Illi fl-ewwel lok, l-attur irid jindika liema huma dawk il-partijiet ta' l-artikolu in kwistjoni li huma allegatament libelluzi u malafamanti, ai termini ta' dak li qed jitlob;*

*2. Illi fit-tieni lok dan huwa kaz car ta' fair comment u l-esponent kellu kull dritt li jikkummenta fuq il-materja in kwistjoni;*

*3. Illi in vista tal-ewwel risposta, l-esponent qieghed jirriserva li jressaq risposti ulterjuri;"*

3. B'sentenza tas-17 ta' Ottubru, 2016, l-ewwel qorti laqat l-eccezzjonijiet tal-konvenut u cahdet it-talba tal-attur.

4. Illi minn din is-sentenza appella l-attur fejn u l-aggravji huma:

   i. Ir-rapport tal-Public Broadcasting Service kien testwalment ighid: *"Ic-centru tal-ahbarijiet huwa nfurmat li hemm sforzi biex ihajjru lil Joseph Muscat biex ma jitfax il-kandidatura tieghu ghal mejjex tal-partit u jaghti appogg lil Gorg Abela."* Dan il-bran ma jista' bl-ebda mod jigi interpretat kif interpretah l-appellat meta kiteb illi l-appellant kien gideb u kien qed jaghmel l-almu tieghu illi jiffavorixxi xi interessi politici. Hu car illi dak li gie attwalment rapportat kien **illi kien hemm sforzi biex Dr. Muscat jirtira l-kandidatura, <u>mhux</u> illi kien irtira l-istess kandidatur**;

ii. Fin-nuqqas tal-ewwel qorti li taghti apprezzament komplet ghall-import tax-xhieda, fejn gew injorati numru ta' aspetti tax-xhieda u ohrajn gew moghtija aktar piz milli kien jisthoqq;

5. Il-konvenut wiegeb fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud:-

i. Hu minnu li r-rapport ma jiddikjarax kategorikament li Dr. Joseph Muscat ma kienx ser jikkontesta l-elezzjoni ghal mexxej tal-Partit Laburista. Pero meta wiehed jara r-rapport fl-intier tieghu l-interpretazzjoni cara hi precizament dik;
ii. Illi l-kwistjoni m'hijiex dwar jekk il-ktieb huwiex wiehed fil-fatt wiehed tad-dahq jew le, izda jekk l-awtur, u cioe' l-intimat appellat, kellux dritt jiddeskrivih bhala tali. Illi l-intimat appellat issottometta li d-deskrizzjoni tal-ktieb kienet sempliciment tirrifletti opinjoni soggettiva tieghu u l-fatt li kien hemm xi nies ohrajn li fahru l-ktieb certament ma jistax jipprojbixxi lil dak li jkun milli jmaqdar l-istess pubblikazzjoni, inkluz billi jsejhilha *'funny'.* Kull persuna ghandha dritt tesprimi opinjoni ta' dan it-tip minghajr il-biza illi ser jigu inizzjati proceduri kontra taghha. Illi, fi kwalunkwe kaz, il-ktieb *de quo* attira kemm tifhir u kif ukoll kritika qawwija rigward in-numri kkwotati fih. In fatti, diversi esperti li xehdu tul is-smiegh tal-kawza ddeskrivew il-ktieb *'Fatal Flight'* bhala wiehed esagerat u b'figuri skorretti;

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

6. L-attur kien jahdem mal-Public Broadcasting Services fejn kien editur u kap tat-taqsima tal-ahbarijiet.

7. Dawn il-proceduri jitrattaw rapport pubblikat fil-Malta Today fl-20 ta' April, 2008 bit-titlu *"Gonzi's new way of doing politics at MEPA"*, fejn inkiteb:

- ***"It came to me as a surprise when PBS announced that Joseph Muscat would not be contesting the Labour leader ship battle. It was of course a big fat lie, and despite the fact that Muscat sent in a statement to Mr Natalino Fenech that it was not true, Mr Fenech went ahead and did what he had to do"***. Jinghad ukoll li ***"Mr Fenech is not only someone who does not like Labour but he is also someone who specialises in spin"***.

- ***"He was also an author of a funny book about hunting that was full of inaccuracies and massive exxagerations****. When he was sort of not involved in the run-up to the negotiations on hunting, typically, he started to befriend hunters.* ***On one occasion he got a Times journalist to ask me if I had ever eaten game when off in France"***.

Il-partijiet *in bold* huma dawk il-brani li l-attur xehed li jqies li huma libelluzi.

8. Fis-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2009 l-attur xehed, *"Jiena hassejtni malafamat bl-artiklu illi kiteb l-intimat Balzan fil-gazzetta li ghadni kemm ipprezentajt*

*kopja taghha fl-atti ta' din il-procedura ghaliex Balzan kiteb li jiena bhala editur tal-PBS nispecjalizza fl-ispin, kif jidher fil-kolonna numru tlieta, t-tieni paragrafu".*

9. Il-Public Broadcasting Services kienet xandret rapport fejn li seta' jkun hemm *"svolta gdida fit-tellieqa ghat-tmexxija tal-Partit Laburista"*. Fir-rapport intqal li:

*"Ic-centru tal-ahbarijiet huwa nfurmat li hemm sforzi biex ihajjru lil Joseph Muscat biex ma jitfax il-kandidatura tieghu ghal mexxej tal-partit u jaghti appogg lil Gorg Abela".*

10. Mill-iscript tar-rapport li gie mxandar mill-PBS, hu evidenti li qatt ma tat l-ahbar li Dr Joseph Muscat ma kienx ser jikkontesta ghal-leadership tal-Partit Laburista. Ghalhekk ma kienx korrett il-konvenut meta kiteb li: *"PBS announced that Joseph Muscat would not be contesting the Labour leader ship battle".* Li ntqal fir-rapport hu li kien hemm, *"sforzi biex ihajru lil Joseh Muscat biex ma jitfax il-kandidatura tieghu ghal mexxej tal-partit u jaghti l-appogg lil Gorg Abela".* Irrizulta wkoll li qabel ixxandar ir-rapport, l-attur ikkomunika ma' Dr Muscat li baghatlu email fejn infurmah:

*"Ghandi relazzjonijiet tajba mal-kandidati kollha l-ohra, inkluz George Abela. Nitkellmu bhala kandidati b'mod regolari.*

*Nikkonferma li se nkun qed nikkontesta l-kariga ta' Mexxej.*

*L-intenzjoni tieghi hija li jekk inkun elett naghti rwol centrali fi hdan il-Partit Laburista lill-kontestanti l-ohra kollha, inkluz lil Dr Abela.*

*Jekk ma nigix elett, se nahdem ma min ikun Mexxej, biex il-Partit Labursita isib furhu fil-Gvern fl-iqsar zmien possibbli".*

11. Il-qorti tqies li l-ilment tal-attur hu minghajr bazi meta tikkunsdira li:

- Fir-rapport tal-PBS, li l-qorti fehmet li xxandar fit-8 ta' filghaxija, jinghad, *"Muscat stqarr li huwa interessat fil-kariga ta' mexxej….."*. Pero' fl-email li Dr Muscat baghat lill-attur[1] jinghad espressament: ***"Nikkonferma li se nkun qed nikkontesta l-kariga ta' Mexxej"***. Ghalhekk l-editur qabel ixxandar ir-rapport tal-PBS, kien gie nfurmat minn Dr Muscat innifsu li kien ser jikkontesta ghall-kariga ta' Mexxej u mhux semplicement li kien 'interessat' f'dik il-kariga. Email li ntbaghatet lill-attur dakinhar stess qabel ixxandar ir-rapport mill-PBS. F'dokument NF4 (fol. 29) li pprezenta l-attur u fiha hemm riproduzzjoni tal-email li nbaghatet lil Dr Muscat, jinghad: *"Email from Joseph Muscat Friday 18 April before the 8 pm news".*

[1] Email li ntbaghatet fis-6.47 ta' filghaxija, allura qabel l-ahbarijiet tat-8.00 pm li fih ixxandar ir-rapport mill-PBS.

- Fir-rapport li xxandar ma saret l-ebda riferenza ghal dak li qal Dr Muscat, cjoe' li ser ikun qieghed jikkontesta l-kariga ta' Mexxej. Minflok intqal li Dr Muscat kien *"Muscat stqarr li huwa interessat fil-kariga ta' mexxej…."*. Kaz klassiku fejn min qed jaghti l-ahbar mhuwiex ikun fidil lejn il-verita. Dan meta l-PBS kellha f'idejha dikjarazzjoni bil-miktub ta' Dr Muscat li fiha jinghad car u tond li ser jikkontesta l-kariga ta' Mexxej.

- Dakinhar stess li xxandar ir-rapport minn PBS, Dr Muscat innfisu fid-20.43 ta' filghaxija hareg stqarrija iebsa fejn cahad kategorikament li kien ser jirtira l-kandidatura tieghu ghal Mexxej tal-Partit u rriproduca l-email li kien baghat lil PBS.

12. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-konvenut kien semplicement qieghed jaghti l-opinjoni tieghu meta qal li l-ahbar tal-PBS ma kien xejn ghajr *'spin'* tal-attur. Kumment li ta dwar materja ta' interess pubbliku, cjoe r-raportagg dwar l-elezzjoni ghall-kariga ta' Mexxej fil-Partit Laburista. Opinjoni li kellu kull dritt li jesprimi bazat fuq dak li rrizulta mill-provi. Il-verita kienet li Dr Muscat kien ser jikkontesta l-elezzjoni u mhuwiex veru li kien qieghed jikkunsidra li ma jikkontestax l-elezzjoni. Jekk kien hemm xi dubju dan gie eskluz bl-iktar mod car bl-email li Dr Muscat baghat ftit hin qabel ixxandar ir-rapport.

13. Wiehed jistenna ahjar minn persuna li jokkupa kariga ta' editur u kap tat-taqsima tal-ahbarijiet tal-Public Broadcasting Services. L-attur xehed (19 ta' Jannar, 2010):

*"Nixtieq ninforma lill-Qorti li fil-fatt dak li gara kien illi meta Dr Muscat baghatilna l-email in dizamina, t-tlett sentenzi ta' l-email tieghu kienu nkorporati kollha fis-servizz illi hareg mit-television tal-PBS u b'hekk jigi illi jiena mhux veru illi njorajt l-email ta' Dr Muscat kif jindika l-intimat Balzan fl-artiklu in dizamina"*.

Kif rajna r-rapport li xxandar mill-PBS injora ghal kollox id-dikjarazzjoni cara ta' Dr Muscat li ser jikkontesta l-elezzjoni ghall-Mexxej tal-Partit Laburista. Ghalhekk fir-rapport l-attur naqas milli jipprezenta l-fatti kollha. Dan hu kaz fejn inholqot storja fejn il-fatti kienu jeskludu dak li gie rapportat li jista' jkun hemm *"svolta gdida"*. L-attur kien jaf bid-dikjarazzjoni li ghamel Dr Muscat ftit hin qabel ixxandar ir-rapport, fejn iddikjara: ***"Nikkonferma li ser inkun qed nikkontesta l-kariga ta' Mexxej…. Jekk ma nigix elett, se nahdem ma' min ikun Mexxej, ……"***. Dikjarazzjoni cara daqs il-kristall, irrispettivament ta' x'kiteb l-attur f'email li baghat lil Dr Muscat fil-21 ta' April, 2008 b'reazzjoni ghall-istqarrija ta' Dr Muscat. Dikjarazzjoni li rappurtagg serju u fidil ghall-verita kien jitlob li ssir riferenza ghaliha, irrispettivament mill-informazzjoni li seta' kellha t-taqsima tal-ahbarijiet. Dikjarazzjoni li kienet iggib fix-xejn din 'l hekk imsejha ahbar li, *"Jista jkun hemm svolta gdida fit-tellieqa ghat-tmexxija tal-Partit Laburista ….."*. L-ahbar kienet a *non-starter* fid-dawl tad-dikjarazzjoni cara ta' Dr Muscat. Gialadarba l-attur aghzel li xorta

jxandar minghajr m'ghamel biss accenn ghad-dikjarazzjoni ta' Dr Muscat (Dok. NF4 a fol. 29), mela l-attur *has to face the music* tal-kritika. Fic-cirkostanzi l-ewwel qorti kienet altru milli gustifikata li tikkonkludi:

*"Il-Qorti tosserva illi, rrispettivament jekk wiehed ghandux juza l-kliem 'spin' jew kliem ohra fil-konfront ta' min mex tali ahbar, huwa car illi, fil-kaz odjern, l-istazzjon nazzjonali intuza sabiex jitwassal messagg lill-poplu illi ma kienx minnu, u tali fatt, minnu nnifsu, huwa sufficjenti biex issir kritika, anke jekk hemm bzonn, harxa, dwar tali fatt, stante illi l-ahbarijiet ghandhom dejjem ikunu veritjieri u korretti u bbazati fuq fatti sostanzjalment korretti u, meta dana ma huwiex minnu, kritika dwarhom ghandha tigi accettata"*.

14. L-attur ilmenta li kuntrarjament ghal dak li kiteb il-konvenut, fir-rapport tal-PBS ma kienx intqal li Dr Muscat irtira l-kandidatura tieghu izda li hemm *"sforzi biex ihajjru lil Joseph Muscat biex ma jitfax il-kandidatura"*. Dan hu veru. Madankollu r-rapport jaghti l-messagg li Dr Muscat kien qieghed jikkunsidra bis-serjeta li ma jikkontestax l-elezzjoni. Sahansitra Dr Muscat innifsu fl-istqarrija li hareg ftit hin wara li xxandar ir-rapport, qal: *"Nichad kategorikament li jien se nkun qed nirtira l-kandidatura tieghi ghal Mexxej tal-Partit"*. Il-fatti juru mod iehor.

15. It-tieni ilment tal-attur jitratta dak li nkiteb dwar il-ktieb *"Fatal Flight – The Maltese Obsession with Killing Birds"*, li l-awtur tieghu hu l-attur. Il-konvenut kiteb li l-ktieb mimli *"inaccuracies and massive exxagerations"*. L-ilment tal-attur hu limitat ghall-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel qorti, fis-sens li skont l-attur l-ewwel qorti ma tatx bizzejjed piz ghal dak li kien kiteb Joseph Sultana u ohrajn dwar il-ktieb. Kompla, *"illi filwaqt illi dawn kollha jitkellmu favorevolment dwar il-ktieb, l-intimat tqies illi seta' jsejjahlu funny bazikament fuq ix-xhieda ta' Joe Sultana li llum ighid biss illi seta kien ezagerat"*.

16. Ghalkemm fl-artiklu it-titlu tal-ktieb ma ssemmiex, il-konvenut qal lil-ktieb jitratta dwar il-kacca. Ktieb li hu fid-dominju pubbliku.

17. Fir-rikors tal-appell l-aggravju tal-appellant mhuwiex dwar jekk dawk il-kliem humiex *statement of fact* jew *comment*. Fir-realta' mir-rikors tal-appell jidher li mhuwiex jikkontesta li dak li kiteb il-konvenut hu fil-fatt *comment*. L-argument tal-attur hu li bazat fuq l-*appraisals* li nkitbu min-nies li jissemmew fir-rikors tal-appell, il-konvenut immalafama lill-attur meta sejjah il-ktieb *"funny"*. Hu jilmenta li l-qorti naqset milli tikkunsidra dawn l-*appraisals* u ghalhekk waslet ghal konkluzjoni zbaljata.

18. Il-qorti tqies li dan il-kliem hu s-*subjective appraisal* tal-konvenut bazat fuq it-taghrif li kien hemm fil-ktieb u b'mod ironiku ddeskriva l-ktieb bhala *funny*. Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti,

*"…. kienu varji l-entitajiet lokali illi qajmu tali thassib, fosthom l-FKNK, illi sahansitra ppubblikaw ktieb biex jirribattu l-allegazzjonijiet tar-rikorrent f'tali ktieb, u awtoritajiet lokali ohra, bhal ma huma Joe Sultana, persuna rispettata u maghrufa fil-qasam tal-Ornitologija, li stqarr li ghalkemm il-ktieb tar-rikorrent kien wiehed tajjeb ghax iqajjem kuxjenza dwar il-Kacca f'Malta, il-figuri msemmija mill-istess rikorrent kienu ezagerati stante illi bbazati fuq metodu ta' kalkolu approssimattiv u mhux xjentifiku"*.

Hu veru li f'dan il-ktieb Joseph Sultana (kien Chairman ta' ICBP European Continental Section) kiteb review fejn qal, *"In this book Natalino Fenech shows through sound facts and figures that the number of birds trapped and killed is even more than previously estimated"*. Pero' dak li kiteb poggieh hu stess fid-dubju meta xehed (26 ta' Jannar, 2015):

*"jista' jaghti l-kaz illi n-numri huma ezagerati, u dan qed nghidu ghal raguni semplici illi **dak iz-zmien ma kien hemm ebda mezz kif wiehed ikollu record tal-annimali li qed jinqatlu jew le, allura kienet kollha bbazata fuq spekulazzjoni. U li nista' nghid ukoll illi jiena kont ktibt kotba simili fejn anke jien f'dan il-kotba kont indikajt numri li kienu inqas minn dawk illi kien qed jindika dr Fenech fil-ktieb tieghu, u dana fi ktieb wiehed**"*.

F'dan ir-rigward fid-dawl ta' din id-deposizzjoni difficli li l-ewwel qorti setat tghid xi haga differenti minn dak li qalet. L-attur ilmenta li l-ewwel qorti skartat sitt *endorsements* ghall-kiteb. Il-qorti tibda biex tosserva li mhux l-*endorsements* kollha gew prezentati. F'kull kaz l-*endorsements* m'humiex xi prova li l-istatiska hi korretta. Joseph Sultana stess xehed li dak iz-zmien ma kienx hawn mezz ta' *recording* ta' data tal-ammont ta' ghasafar li kienu qeghdin jinqatlu. Sahansitra qal ukoll, *"Nixtieq nghid illi meta jiena kont ktibt din il-forward ma kontx rajt il-ktieb kollu izda kont rajt partijiet sostanzjali tal-ktieb….. Izda jiena nghid illi jiena wara kont irrejalizzajt illi l-figuri setghu ma kinux korretti".* Sahansitra kien gie ppubblikat ukoll ktejjeb mill-Ghaqda Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti, fejn saret kritika harxa ghal taghrif li kien hemm fil-ktieb b'mod partikolari ghal dak li jikkoncerna statistika li kien hemm fil-ktieb.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-attur.**

Anthony Ellul.